# KULLEĠĠ SAN NIKOLA
## EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
## Frar 2014

IR-RABA' SENA | IL-MALTI | IL- ĦIN: 30 minuta

(IL-FEHIM MIS-SMIGĦ)

**Il-Karta tal-Għalliema**

***Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ***

**Ir-Riżorsi:**
1. It-test li jinqara.
2. Il-karta tal-mistoqsijiet.
3. Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | • Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel.<br>• Ser tinqralhom l-istorja **Xagħar Aħmar.**<br>• Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>• Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. | **5 minuti** |
| 2 | • Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq.<br>• L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn. | **5 minuti** |
| 3 | • Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.<br>• Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **5 minuti** |
| 4 | • Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq.<br>• Għandhom iwieġbu billi jagħmlu ✓ ħdejn it-tweġiba t-tajba.<br>• Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **6 minuti** |
| 5 | • Ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>• Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **5 minuti** |
| 6 | • Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **4 minuti** |

Marka Totali: 20

**Xagħar Aħmar**

Anton Kruger fetaħ il-ħanut tax-xagħar kif kien jagħmel is-soltu ta' kuljum. Ħames minuti wara daħlet il-mara tal-gazzetti u ġabitlu l-gazzetta.
"Hemm xi ħaġa interessanti?" staqsa Kruger.
"Mela għadek ma smajtx dwar is-serqa tal-bieraħ filgħaxija, hawn isfel fi Triq il-Kanal?"
"Lill-ħalliel qabduh?" staqsa Kruger.
"Le, imma hawn ara, ġabu r-ritratt tiegħu. Jaħsbu li kien hu," qalet il-mara.

Anton Kruger ħares lejn ir-ritratt u qara l-kitba **elfejn ewro lil min jgħin biex jinqabad il-ħalliel**! Anton kien għadu qed jimmaġina x'jagħmel b'elfejn ewro meta mbagħad f'daqqa waħda xi ħadd staqsieh, "Int il-barbier?"
Lir-raġel ma kienx semgħu dieħel; u ma kienx jaf min hu.
"Staqsejtek jekk intix il-barbier!" reġa' tenna r-raġel b'leħen żorr u bla ma qagħad jistenna tweġiba, qallu, "Agħlaq il-bieb!"

Kruger intebaħ fejn kien ra dak il-wiċċ - fil-gazzetta ftit mumenti qabel! Ma kienx hemm dubju, "Dan hu l-ħalliel imfittex! Kruger sakkar il-bieb.
"Aqtagħli xagħri malajr! Qasir ħafna! Għaġġel !" ordna r-raġel.
Kruger beda jaqtagħlu xagħru u wara biss żewġ minuti r-raġel kien ħa dehra oħra. Iżda Kruger kellu ħsieb ieħor.
"Għax ma tiżbogħx xagħrek ukoll, jekk trid li ma tingħarafx tassew? staqsa Kruger b'leħen dħuli.
"Idea brillanti!" wieġeb ir-raġel. "Imma x'kulur?"
"Agħmlu aħmar, dak iżomm iżjed fit-tul," issuġġerielu Kruger.
"Tajjeb, int taf x'inhu l-aħjar," qal ir-raġel. "Imma ħaffef għax mgħaġġel."
Kruger mar ġab erba' fliexken u ħallathom. L-aħħar li kien użahom kien fil-Karnival. Kif kien lest, il-ħalliel ħareġ jiġri.

Kruger ħareġ barra mill-bieb ta' wara u ġera għand il-pulizija.
"Jien ser neħodhom l-elfejn ewro," beda jgħajjat.
Il-pulizija qabeż minn fuq is-siġġu.
"Qbadtu? Fejn hu?"
"Fejn hu ma nafx, iżda żgur li għandkom issibuh. Jien qtajtlu xagħru u żbajtulu aħmar."
"M'għamilt xejn speċjali," għajjat il-pulizija. "Nies b'xagħarhom aħmar hawn kemm trid."
"Imma dan il-lewn aħmar mhux tas-soltu," qallu Anton. "Fi żmien sagħtejn dan jinbidel u jsir aħdar."

(Silta adattata minn *Stejjer Varji u Vvintati* ta' Wolfgang Halm, maqluba għall-Malti minn Carmel Pace)

A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ☑ fil-kaxxa.

1. Il-ħanut ta' Kruger kien

| | | |
|---|---|---|
| a) | tal-gazzetti. | |
| b) | tal-ħelu. | |
| ċ) | tal-ġugarelli. | |
| d) | tax-xagħar. | |

2. L-ewwel li daħlet fil-ħanut ta' Kruger kienet

| | | |
|---|---|---|
| a) | ommu. | |
| b) | il-mara. | |
| ċ) | il-mara tal-gazzetti. | |
| d) | il-kunjata. | |

3. Il-lejl ta' qabel kien seħħ

| | | |
|---|---|---|
| a) | inċident. | |
| b) | serq. | |
| ċ) | terremot. | |
| d) | festin. | |

4. Is-somma flus għal min jgħin biex jinqabad il-ħalliel kienet ta'

| | | |
|---|---|---|
| a) | ħames mitt ewro. | |
| b) | mitejn ewro. | |
| ċ) | elfejn ewro. | |
| d) | elf ewro. | |

5. Ir-raġel li daħal fil-ħanut kien

| | | |
|---|---|---|
| a) | kalm. | |
| b) | ferħan. | |
| ċ) | nervuż. | |
| d) | ċajtier. | |

6. Kruger induna li dan kien

| | | |
|---|---|---|
| a) | il-barbier. | |
| b) | il-bejjiegħ. | |
| ċ) | il-furnar. | |
| D) | il-ħalliel. | |

7. Il-ħalliel qal lill-barbier biex

| | | |
|---|---|---|
| a) | jaqtagħlu xagħru malajr. | |
| b) | jaħsillu xagħru. | |
| ċ) | jiżbagħlu xagħru malajr. | |
| d) | jgħinu jistaħba. | |

8. Biex tah dehra oħra Kruger dam

| | | |
|---|---|---|
| a) | erba' minuti. | |
| b) | għaxar minuti. | |
| ċ) | żewġ minuti. | |
| d) | tmien minuti. | |

9. Kruger issuġġerixxa li l-ħalliel

| | | |
|---|---|---|
| a) | jorbot xagħru. | |
| b) | jaqta' xagħru. | |
| ċ) | jidlek xagħru. | |
| d) | jiżbogħ xagħru. | |

10. Kruger issuġġerielu l-kulur

| | | |
|---|---|---|
| a) | aħmar. | |
| b) | aħdar. | |
| ċ) | isfar. | |
| d) | blu. | |

11. Kruger ħallat

| | | |
|---|---|---|
| a) | ħames fliexken. | |
| b) | żewġ fliexken. | |
| ċ) | erba' fliexken. | |
| d) | tliet fliexken. | |

12. Kien użahom l-aħħar

| | | |
|---|---|---|
| a) | fil-Milied. | |
| b) | fis-sajf. | |
| ċ) | fl-Għid. | |
| d) | fil-Karnival. | |

13. Kif telaq il-ħalliel, Kruger mar għand

| | | |
|---|---|---|
| a) | il-kappillan. | |
| b) | il-pulizija. | |
| ċ) | il-ħabib tiegħu. | |
| d) | il-parrukkier. | |

14. Il-pulizija qabeż minn fuq

| | | |
|---|---|---|
| a) | is-siġġu. | |
| b) | iċ-ċint. | |
| ċ) | il-mejda. | |
| d) | il-bank. | |

15. Il-kulur ta' xagħar il-ħalliel kien se jinbidel u jsir

| | | |
|---|---|---|
| a) | aħmar. | |
| b) | abjad. | |
| ċ) | roża. | |
| d) | aħdar. | |

(15 il-marka)

B. Aqra s-sentenza u mmarka ✓ taħt **VERU** jew **FALZ**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 16. | Kruger kien jiftaħ il-ħanut is-Sibt u l-Ħadd. | | |
| 17. | Is-serqa kienet saret fi Triq il-Kanal. | | |
| 18. | Meta daħal fil-ħanut il-ħalliel kellu umbrella f'idu. | | |
| 19. | Il-pulizija qallu, "Nies b'xagħarhom aħmar hawn kemm trid." | | |
| 20. | Iż-żebgħa ħamra li għamel Kruger ma kenitx tas-soltu. | | |

(5 marki)

**TMIEM IL-KARTA**